24 ta' Mejju, 1954.

Imħallfin :-

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President* ;
L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D. ;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Carmela Fenech pr. et ne. *versus* Antonio Galea**

## Kaċċa — Delitt — Kważi-Delitt — Negliġenza — Danni.

***Hu paċifiku, f'tema ta' danni derivanti minn delitt jew kważi-delitt, illi d-diliġenza li hija neċessarja biex tneħħi r-responsabilità hija dik medja, ossija ordinarja, ċjoè dik ta' bniedem prudenti.***

***Kaċċatur hu negliġenti jekk jispara meta l-viżwali tiegħu hija ostruwita, anki in parti. Dik in-negliġenza tikber meta l-kaċċatur ma jkunx familjari mal-lokalità fejn hu jkun qiegħed idur għall-kaċċa; għax din hija ċirkustanza li timponilu kawtela akbar fl-għemil tiegħu. Dik in-negliġenza tkompli tikber meta huwa, f'ċirkustanzi bħal dawn, jispara f'livell baxx, b'mod li t-tir tiegħu ma jintilefx fl-ajru. Fl-aħħarnett, dik in-negliġenza togħla għal grad massimu meta l-kaċċatur ma jafx, jew ma jagħmel xejn biex ikun jaf, xi kwalità ta' ċomb huwa jkun qiegħed juża.***

***Xejn ma jserri li l-persuna milquta mit-tir tiegħu nzertat kienet hemm b'aċċident; għax meta kien hemm il-kolpa preċedenti kien hemm ir-responsabilità; u din hija biżżejjed għal dikjaratorja ġenerika tar-responsabilità għad-danni; salv l-istadju ulterjuri ta' l-aċċertament u likwidazzjoni tad-danni.***

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attriċi fil-kwalitajiet tagħha fuq imsemmija, wara li ppremettiet illi l-konvenut fid-19 ta' Settembru 1949, b'arma tan-nar, ikkaġuna l-mewt ta' Giovanni Fenech, u dana bi ħtija u traskuraġni ta' l-istess konvenut; u illi dan Giovanni Fenech kien ir-raġel tagħha u missier il-minuri; u illi hija "proprio et nomine" qegħdha ssofri danni rilevanti; talbet illi, premessa kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u mogħti kull provvedi-

ment opportun, il-konvenut jiġi kundannat iħallasha "proprio et nomine", in linea ta' danni, dik is-somma li tiġi likwidata minn din il-Qorti, okkorrendo per mezz ta' periti nominandi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li ġie ngunt għas-subizzjoni tiegħu;

Ra s-sentenza ta' dik il-Qorti tas-6 ta' Ottubru 1953, li biha ddeċediet billi rrespinġiet it-talba ta' l-attriċi, imma mbabba ċ-ċirkustanzi tal-każ ordnat illi l-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi jirriżulta illi fid-19 ta' Settembru 1949, wara nofs inhar kmieni, il-konvenut ħareġ għall-kaċċa ma żewġ ħbieb tiegħu, Joseph Borg u Francesco Aquilina. Dan ta' l-aħħar u l-konvenut kellhom senter kull wieħed; Borg ma kellux senter, u kien qiegħed magħhom jimxi warajhom. Klieb magħhom ma kellhomx. It-tlieta marru lejn il-Buskett, fil-Lawrenti, qrib il-Palazz ta' Verdala, ġo raba' xagħri, b'xi siġra u ħajt l-hemm u l-hawn. Huma tajru buqrajq, u l-konvenut spara għalieh ftit iżjed għoli mill-livell ta' spallejh, u li kien għaxar piedi bogħod minnu, u qatlu. Huma ġabruh u baqgħu mexjin;

Kważi fl-istess ħin huma semgħu lil xi ħadd isejħilhom, u ħasbu li kienu qegħdin jgħajtulhom għal xi kaċċa oħra. Meta resqu lejn fejn semgħu l-vuċi li sejħitilhom, huma raw ġuvni, Paolo Borg, li għamlilhom sinjal biex jersqu iżjed lejh; u kif resqu, sabu fl-art raġel, Giovanni Fenech, li kien ferut f'rasu. Ilkoll flimkien, u bl-għajnuna ta' ħadd ieħor, huma ħadu bilcar tal-konvenut lil Fenech l-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, fejn ftit wara Fenech miet bla ma laħaq tkellem;

Irriżulta illi Fenech miet b'emorraġija ċerebrali kaġunata minn ferita fil-fossa ta' nagħsu minn ċomba li ħarġet mit-tir li l-konvenut kien spara meta qatel dak il-buqrajq. L-attriċi tippretendi illi l-konvenut, bi ħtija u negliġenza tiegħu, ikkaġuna l-mewt ta' żewġha, Giovanni Fenech;

Illi mhux kontestat li Giovanni Fenech miet b'ċomba li ħarġet mis-senter tal-konvenut meta dan spara tir sabiex qatel il-buqrajq, u li għalhekk kien il-konvenut li qatel lil Giovanni Fenech. Irid jiġi eżaminat jekk il-konvenut kienx fi

ħtija jew negliġenza meta qatel lill-istess Giovanni Fenech;

Hi liġi espressa illi kull wieħed jwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu (art. 1074 Kap. 23); u jitqies fi ħtija kull min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, għad illi ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza, jew ta' ħsieb fi grad akbar (art. 1075 Kap. 23). Mbgħad, kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk (art. 1076 Kap. 23);

Illi, kif issottometta l-periti legali, kaċċatur jista' jkun fi ħtija jew negliġenza f'għemilu, jekk huwa (1) jispara għal ġo siġar jew għal tajra li warajha jkun hemm ostruzzjoni ta' siġar, ħaxix, jew xi ħajt għoli dagsha; (2) jispara lejn persuna, tkun hemm tkun il-bogħod; (3) jispara bla ma jara fejn sejjer jasal it-tir; (4) jispara lejn toroq jew bini, jew postijiet, fejn jista' jitfaċċa bniedem, jiġifieri livell ta' ħajt, jew lejn kantuniera, jew lejn twieqi u aperturi oħra; (5) jispara qabel ma jħares sewwa madwaru. Ġie pruvat illi l-konvenut għal mitt pass kellu l-viżibilità mhix ostruwita, u illi, meta huwa spara, ebda persuna ma kienet tidher, lanqas il-bogħod. Però ġie pruvat li bejn il-post fejn il-konvenut spara u dak fejn kien Giovanni Fenech, fl-isqaq, kien hemm siġra baxxa; imma l-buqrajq kien bejn il-konvenut u dik is-siġra, xi għaxar passi l-bogħod mill-konvenut, u dan ma sparax għall-buqrajq minn ġo dik is-siġra, imma biss it-tir, u kwindi ċ-ċomb, wara li laqat lill-buqrajq, baqa' għaddej ġo l-weraq ta' dik is-siġra u spiċċa fuq Giovanni Fenech. Għalhekk jista' jidher, kif issottomettiet l-attriċi, illi l-konvenut kien fi grad ta' ċerta negliġenza meta spara f'direzzjoni ta' siġra li kienet tostruwilu l-vista wara l-istess siġra;

Ġie wkoll pruvat illi l-konvenut l-ewwel darba li kien qiegħed għall-kaċċa f'dik il-lokalità, u għalhekk huwa ma kienx jaf bl-isqaq tal-Lawrenti, fejn kien qiegħed Giovanni Fenech meta dan ġie milqut — ċirkustanza li tista' tpoġġi l-

konvenut f'ċertu grad ta' negliġenza, kif issottomettiet l-attriċi, għaliex l-obbligu tiegħu li ma jisparax qabel ma jħares sewwa madwaru għandu jinkludi dak ukoll li huwa jkun jaf tajjeb il-lokalità tal-post fejn huwa jispara, biex jipprevjeni kull aċċident;

Però rriżulta illi dak in-nhar ta' l-inċident il-ġurnata kienet bnazzi, b'viżibilità tajba; dik tal-konvenut fejn id-direzzjoni ta' fejn instab li kien qiegħed Giovanni Fenech kienet xi mitt pass bla ostakolu. Ix-xhud Paolo Borg, li kien ma' Giovanni Fenech meta dan intlaqat, u kien anzi fuq il-ħajt, qal illi, meta sama' t-tir, ma ra l-ħadd, u kien biss meta huwa tela' fuq ħajt ieħor li ra lill-konvenut maż-żewġ sħabu resqin lejh mill-bogħod. Għalhekk, anki kieku ma kienx hemm dik is-sigra, mhux preżumibili li l-konvenut kien jara lil Giovanni Fenech;

Irriżulta illi l-konvenut, meta spara dak it-tir, kien il-bogħod mill-isqaq, anzi, mill-post preċiż fejn kien jinsab Giovanni Fenech, xi 128 jarda. Kif issottometta l-perit legali, ċomba normalment ma għandhiex tasal iżjed minn mitt jarda b'mod illi tagħmel ħsara, u ċ-ċomb sparat minn distanza ta' fuq il-120 jarda għandu jasal mejjet, jiġifieri jibda jaqa' bil-gravità tiegħu u jasal bla saħħa. Fil-fatt hekk ġara; imma ċ-ċomba laqtet fuq parti vitali ta' ġisem Giovanni Fenech, jew fil-fossa ta' nagħsu, u qatlitu. Kieku l-mejjet intlaqat fi kwalunkwe parti oħra tal-ġisem, kif issottometta l-istess perit legali, ftit jew xejn ma kien jġrilu. Hu veru li l-konvenut spara dak it-tir bi skartoċċ mixtri min-N.A.A.F.I. u, għad li kien bla indikazzjoni tal-kejl taċ-ċomb, jidher li aktarx iċ-ċomb kien oħxon. L-attriċi għalhekk issottomettiet li l-konvenut kien fi grad ta' negliġenza, għaliex spara b'ċomb li ma kienx jaf il-kejl tiegħu. Imma jibqa' dejjem veru wkoll illi l-attriċi ma ppruvatx ta' liema ħxuna kien iċ-ċomb li laqat lil żewġha, u illi f'kull każ il-konvenut ma setgħax jara lil Giovanni Fenech; u illi, kif issottometta l-perit legali, iċ-ċomb normalment, anki meta jkun oħxon, ftit suppost li jasal il-bogħod; u jagħmel hekk biss f'każi rari u fortuwiti;

Illi għalhekk il-konvenut ma jistax jiġi ritenut responsabbli għall-inċident fuq imsemmi; għaliex ma ġiex pruvat li

huwa naqas li juża d-diliġenza ordinarja; u ħadd ma hu tenut li jippresta diliġenza akbar mill-ordinarja, u kwindi ħadd ma hu tenut għall-kolpa ljevissima, li hi ekwiparabili għall-każ fortuwitu;

Rat il-petizzjoni ta' l-attriċi proprio et nomine fol. 68, li biha appellat mid-deċiżjoni fuq imsemmija u talbet li, prevja r-riforma ta' dik id-deċiżjoni, jiġu milqugħa d-domandi tagħha: bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Hu paċifiku li, f'tema ta' danni derivanti minn delitt jew kważi-delitt, id-diliġenza li hija neċessarja biex tneħħi r-responsabilità hi dik medja, ossija ordinarja, ċjoè dik ta' bniedem prudenti. Jgħid il-Cogliolo (Colpa Aquiliana, Scritti Vari, Vol. I, p. 202) :— "La media del dovere non è la previdenza della quale è capace un dato individuo, ma è quella comune di un uomo prudente". Jgħid similment il-Pollock, Law of Torts, p. 357 :— "We have to assume that the standard of duty is not the foresight and caution which this or that particular man is capable of, but the foresight and caution of a prudent man". Ikompli jelabora l-Cogliolo :— "Queste parole 'di media', 'di tipo medio', e simili, sono moderne, ma il loro contenuto si trova già nel Diritto Romano, quando per definire la colpa aquiliana diceva 'culpam autem esse cum a diligenti provideri poterit non esse provisum'. Questo e non altro significa pure la norma 'in lege aquilia et laevissima culpa venit'; le quali parole non devono intendersi come esprimenti qualunque negligenza fino alle porte del caso fortuito, ma solo indicanti un aggravamento di fronte alla colpa contrattuale";

F'dan il-każ din il-Qorti, wara li vvaljat il-provi, kompriżi dawk mismugħa f'din l-istanza, tirritjeni li kien hemm mill-parti tal-konvenut dak in-nuqqas ta' diliġenza ordinarja li jirrendih responsabili. Infatti :—

1. Il-konvenut kien negliġenti għax spara meta l-viżwali tiegħu tad-dintorni kienet, in parti, ostruwita b'siġra;

2. Din in-negliġenza tiżdied meta, "ex confessis", hu ma kienx jaf il-post fejn kien qiegħed idur għall-kaċċa, u għal-

hekk ma kienx jaf li kien hemm trejqa li minnha jghaddu n-nies, anki jekk ma jghaddix il-publiku in generali. Il-fatt li l-konvenut ma kienx familjari mal-lokalità kien jimponilu kawtela akbar fl-ghemil tieghu;

3. L-istess negligenza tkompli tikber meta wiehed jikkunsidra li hu, fiċ-ċirkustanzi fuq imsemmijin, kien qed jispara, "ex admissis", relativament fil-baxx, ftit iżjed gholi mill-livell ta' spallejh, u kwindi t-tir ma kienx jintilef fl-ajru;

4. Din in-negligenza toghla ghall-grad massimu taghha meta wiehed jirrifletti li mill-provi deher li l-konvenut ma kienx jaf, u ma ghamel xejn biex ikun jaf—mentri, kif jghid il-perit fol. 105, kien imissu jkun jaf, u kien imissu fetah wiehed mill-iskrataċ biex ikun jaf—"x'ċomb kien qed juża". Fil-fatt jirriżulta soddisfaċentement mill-provi mismugha f'din l-istanza li l-konvenut kien qed juża ċomb ta' daqs minn dwar uno sa zero, mill-iżjed ohxon li jista' jkun, li jintuża mhux ghall-ghasafar, imma ghall-annimali, ċomb li proprjament lanqas hu tal-kaċċa, imma "buck-shot", ċomb li jmur distanza ferm aktar mid-distanza li jaghti ċomb normali, li jdum iżjed ma jiftah, u kwindi jdum aktar ma jmut, u jasal aktar bil-forza, kif fil-fatt wasal f'dan il-każ, ghaliex iċ-ċomba li nstabet f'ras il-mejjet kienet minn dan iċ-ċomb ohxon. Din iċ-ċirkustanza, anki apparti l-ohrajn fuq imsemmijin, tikkapovolġi l-perizja kollha, ghaliex il-perit, meta wasal ghall-konklużjoni tieghu, kellu fi hsiebu ċ-ċomb normali li jintuża ghall-kaċċa, ċjoè ċ-ċomb numru 5, 6 jew 7;

Inutili li l-konvenut jghid li kien aċċident li Fenech inżerta hemm; ghaliex, meta hemm il-kolpa anteċedenti, hemm l-istess ir-responsabilità. Ighid il-Chironi, Colpa Extra-Contrattuale, Lib. II, n. 542 bis:— "L'efficacia del caso fortuito e della forza maggiore, o dello stato di necessità, quali mezzi liberatori della responsabilità, cessa quando sieno questi avvenimenti preceduti da dolo o colpa dell'agente...... il fatto illecito s' connette allora al comportamento giuridico anormale, nè sarà valevole l'eccezione liberatoria, perchè inutilizzata dal dolo o dalla colpa precedente. Da tale stato illecito ebbe esistenza diretta l'ingiuria, sebbene paia derivata dal caso fortuito o dalla forza maggiore";

Dan il-fatt tal-konvenut, bħala produttiv ta' dannu in ġenere, hu bżżejjed għal deklaratorja ta' responsabilità, salv l-istadju *ulterjuri ta' l-aċċertament u likwidazzjoni tad-dannu* (ara App. "Ebejer utrinque", 15 ta' Diċembru 1930);

Għal dawn il-motivi tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara l-konvenut responsabili tad-danni lejn l-attriċi proprio et nomine, minħabba l-fatt imsemmi fiċ-ċitazzjoni, u tirrinvija l-proċess lill-Ewwel Qorti għall-aċċertament u likwidazzjoni tad-danni;

L-ispejjeż sa issa, tant ta' l-Ewwel kemm tat-Tieni Istanza, jitħallsu mill-konvenut appellat;

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi mibgħuta lill-Kummissarju tal-Pulizija għall-finijiet tal-liċenza tal-kaċċa tal-konvenut.

---